



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13537/21
ADD 2

AGRI 523
ENV 817
FORETS 68
PROCIV 134
JUR 616
DEVGEN 195
RELEX 933
UD 271
PROBA 47
FAO 39

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 - <i>Approvazzjoni</i>

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-foresti tal-UE u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti huma kruċjali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Filwaqt li t-Trattati ma jsemmux b'mod espliċitu "il-politika dwar il-foresti", l-UE għandha firxa ta' kompetenzi li jistgħu jkunu relatati mal-foresti bħall-klima, l-ambjent, l-iżvilupp rurali u l-prevenzjoni tad-diżastri. L-UE diġà eżerċitat dawn il-kompetenzi, u l-foresti huma koperti minn għadd ta' testi legali. F'dawn l-oqsma ta' kompetenzi kondiviżi tal-UE, il-foresti u l-forestrija mhumex kompetenzi esklussivi tal-Istati Membri. L-għażla tal-bażi legali korretta għandha ssir fuq bażi ta' każ b'każ u tkun imsejsa fuq fatturi objettivi, inkluż, partikolarment, l-għan u l-kontenut tal-miżura. L-istrumenti legali jeħtieġu li jgħaddu mit-test tas-sussidjarjetà.
